Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**14479/22**

**COH 106**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | L-impatti fit-tul tal-politika ta' koeżjoni fuq ir-reġjuni tal-UE<br>= Skambju ta' fehmiet |

Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikata għall-politika ta’ koeżjoni tat-22 ta’ Novembru li ġej, fuq il-bażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fl-anness għal din in-nota, il-Ministri responsabbli mill-politika ta’ koeżjoni huma mistiedna jiddiskutu l-għanijiet u l-prinċipji ewlenin għall-Politika ta’ Koeżjoni għall-ġejjieni; l-isfidi li l-politika ser tiffaċċa fil-ġejjieni u l-aħjar mod kif jiġu indirizzati; kif ukoll il-valur miżjud tal-Politika ta’ Koeżjoni meta mqabbla ma’ politiki u strumenti oħrajn tal-UE, kif ukoll oqfsa nazzjonali, bil-ħsieb tal-adattabbiltà possibbli tagħha għal dawn.

**Dokument ta' sfond**

**għall-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikat għall-politika ta' koeżjoni**

Il-politika ta' koeżjoni hija mutur ewlenija għall-promozzjoni tal-konverġenza fit-tul fl-Unjoni Ewropea (UE). Kif enfasizzat fit-Tmien Rapport ta' Koeżjoni, il-politika ta' koeżjoni kkontribwiet b'mod effettiv biex jingħalaq id-distakk ekonomiku bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri inqas żviluppati u dawk aktar żviluppati, u dan huwa konformi mal-mandat tal-UE, minqux fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma anqas favoriti.

**Perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013**[1][2][3][4]

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013, ġew investiti EUR 346.5 biljun bil-kontribuzzjoni għat-tnaqqis tad-diverġenzi bejn ir-reġjuni, il-promozzjoni ta' żvilupp bilanċjat u sostenibbli u ż-żieda tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Dawn l-investimenti għamlu differenza reali matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika, meta l-finanzjament pubbliku kien limitat, inkluż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u meta kien diffiċli li jinstab finanzjament privat u li jinħolqu impjiegi. Indirizzaw diverġenzi reġjonali u żiedu l-prodott domestiku gross (PDG).

1 Preżentazzjoni – Cohesion policy delivering benefits for citizens – Main results 2007-2013 (21/12/2016) (mhux disponibbli bil-Malti); Kummissjoni Ewropea, (Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana)

2 9 ways Cohesion Policy works for Europe – main results 2007-2013 (07/10/2016) (mhux disponibbli bil-Malti); Kummissjoni Ewropea, (DĠ Regio).

3 Dokument ta' Ħidma 1: Synthesis report, Ex post evaluation of Cohesion Policy programmes 2007-2013, focusing on the European Regional Development Fund (ERDF) and the Cohesion Fund (CF) (mhux disponibbli bil-Malti); Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Direttorat B – Politika, Unità B.2 Evalwazzjoni u Semestru Ewropew; 2016.

4 Where does the EU cohesion policy produce its impact? Simulations with a regional dynamic general equilibrium model (mhux disponibbli bil-Malti); Philippe Monfort, Simone Salotti; Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana tal-Kummissjoni Ewropea. Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea; Dokument ta' Ħidma 2/2021.

Ir-riżultati nkisbu fl-Istati Membri u r-reġjuni kollha. EUR 1 ta' investiment fil-politika ta' koeżjoni bejn l-2007 u l-2013 hu mistenni li jiġġenera 2.74 PDG addizzjonali sal-2023. Ir-redditu stmat fuq l-investiment tal-allokazzjoni totali bejn l-2007 u l-2013 huwa ta' EUR 1 triljun f'PDG addizzjonali sal-2023, u fit-tul, ser jiġġenera redditu pożittiv, li, għall-UE kollha kemm hi, huwa stmat li jkun madwar 4 % fis-sena. Inħolqu miljun impjieg, li jikkorrispondu għal terz tal-ħolqien nett ta' impjiegi matul dan il-perjodu. L-investimenti fil-politika ta' koeżjoni bejn l-2007 u l-2013 kienu sors vitali ta' finanzjament pubbliku għal ħafna Stati Membri, li rrappreżentaw sa 57 % tal-investiment kapitali tal-gvern f'xi wħud. B'mod partikolari, bis-saħħa tal-politika ta' koeżjoni, tista' tinżamm il-kontinwità tal-investiment pubbliku, speċjalment matul is-snin ta' kriżi ekonomika, u dan juri l-effett stabbilizzanti fit-tul fuq l-investiment tal-programmazzjoni pluriennali fi ħdan il-politika ta' koeżjoni.

F'Ottubru 2021, il-Kummissjoni Ewropea (COM) ħarġet dokument ta' ħidma, li eżamina l-effetti makroekonomiċi tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-2007-2013. L-impatt tal-politika ta' koeżjoni huwa ogħla fl-Istati Membri benefiċjarji ewlenin; madankollu, fuq medda twila ta' żmien huwa pożittiv ukoll fi Stati Membri u reġjuni aktar żviluppati minkejja l-fatt li huma kontributuri netti għall-politika. Fl-aħħar mill-aħħar, madwar 15 % tal-impatt fuq il-PDG tal-UE jiġi minn effetti konsegwenzjali internazzjonali, li jissuġġerixxi li l-politika ta' koeżjoni għandha bilanċ pożittiv u tiġġenera rabtiet pożittivi bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri. L-effetti konsegwenzjali huma partikolarment importanti għall-kontributuri ewlenin għall-politika ta' koeżjoni u jammontaw għal sehem sostanzjali tal-impatt totali tal-politika.

Fuq medda twila ta' żmien, aktar minn 45 % tal-impatt pożittiv f'pajjiżi mhux eliġibbli għall-fond ta' koeżjoni jiġi minn investimenti magħmula fi Stati Membri li jibbenefikaw mill-fond. Għal xi Stati Membri, l-effetti konsegwenzjali jikkostitwixxu s-sors ewlieni ta' benefiċċji mill-politika ta' koeżjoni. Dawn is-sejbiet jipprovdu evidenza robusta li l-politika ta' koeżjoni qed tipprovdi benefiċċji madwar l-UE f'konformità mal-objettivi tagħha skont it-Trattati.

Ir-riżultati ewlenin tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni huma kif ġej[5][6]:

---

5 Commission Staff Working document: Ex post evaluation of the ERDF and Cohesion Fund 2007-13 (mhux disponibbli bil-Malti); Brussell, 19.9.2016 SWD(2016) 318 final.

6 The RHOMOLO impact assessment of the 2014–2020 cohesion policy in the EU regions (mhux disponibbli bil-Malti); Francesca Crucitti, Nicholas-Joseph Lazarou, Philippe Monfort, Simone Salotti; Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana tal-Kummissjoni Ewropea. Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea; Dokument ta' Ħidma 4/2022, l-ewwel edizzjoni.

- madwar 940 000 impjieg maħluq direttament, li 41 600 minnhom huma fir-riċerka u l-iżvilupp;
- 400 000 SME appoġġati direttament u 322 000 impjieg maħluqa fl-SMEs;
- żieda fil-kapaċità li tiġi ġġenerata enerġija rinnovabbli ta' 3 900 megawatt;
- ambjent: 5.9 miljun persuna oħra konnessi ma' provvista ta' ilma tax-xorb nadif u 6.9 miljun persuna oħra konnessi ma' faċilitajiet ġodda jew imtejba għat-trattament tal-ilma mormi;
- infrastruttura (km ta' toroq/ferroviji ġodda mibnija jew modernizzati, konnettività tal-internet, eċċ.):
  - o 8 400 000 persuna addizzjonali koperti minn konnessjonijiet broadband;
  - o 4 900 km ta' toroq addizzjonali mibnija (fil-biċċa l-kbira tagħhom awtostradi), kważi nofshom fuq in-netwerk TEN-T madwar l-Ewropa kollha;
  - o titjib ta' kważi 28 600 km ta' toroq, li żewġ terzi minnhom jinsabu fl-Istati Membri tal-UE12
  - o titjib ta' 3 900 km ta' ferroviji, li kważi 1 600 km minnhom jinsabu fl-Istati Membri tal-UE12.

Il-kisbiet kwantitattivi kruċjali ewlenin tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE)[7]:

- 98.7 miljun parteċipant f'taħriġ iffinanzjat mill-FSE u operazzjonijiet oħra appoġġati, mifruxa b'mod bilanċjat bejn persuni inattivi (36 %), dawk impjegati (33 %) u dawk qiegħda (30 %);
- Aktar minn 30 miljun impatt favorevoli, li jgħinu lin-nies jagħmlu bidla pożittiva:
  - o 9.4 miljun parteċipant kisbu impjieg, li mill-inqas 300 000 minnhom jaħdmu għal rashom;
  - o 8.7 miljun kisbu kwalifika/ċertifikat;
  - o 13.7 miljun oħra tejbu l-ħiliet u l-kompetenzi, żiedu ċ-ċansijiet tagħhom fis-suq tax-xogħol, komplew l-edukazzjoni tagħhom, eċċ.

---

7 Commission Staff Working Document Ex-post evaluation of the 2007-2013 ESF Programmes (mhux disponibbli bil-Malti); Brussell, 12.12.2016 SWD(2016) 452 final; paġna 4.

**Perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020**[8]

Ir-riżorsi allokati għall-politika ta' koeżjoni bejn l-2014 u l-2020 kienu madwar EUR 355 biljun, li jimplika injezzjoni ta' riżorsi ta' madwar 0.3 % tal-PDG tal-UE. F'Lulju 2022, il-Kummissjoni ħarġet dokument ta' ħidma, li eżamina l-effetti makroekonomiċi tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-2014-2020. Is-simulazzjoni bbażata fuq il-mudell RHOMOLO ssuġġeriet li l-interventi tal-politika ta' koeżjoni bejn l-2014 u l-2020 kellhom impatt pożittiv ġenerali fuq l-ekonomija tal-UE, li żdied maż-żmien matul il-perjodu ta' finanzjament, u laħaq il-qofol tiegħu fl-2021 meta l-PDG tal-UE kien kważi 0.4 % ogħla milli kien ikun fin-nuqqas tal-politika.

Fil-livell reġjonali, l-ogħla impatt huwa fuq l-Istati Membri benefiċjarji ewlenin. Fl-Istati Membri u r-reġjuni aktar żviluppati, l-impatt tal-politika ġeneralment ikun iżgħar fuq medda qasir ta' żmien. Tabilħaqq, għal ħafna minn dawn ir-reġjuni, l-appoġġ għall-politika huwa baxx meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomiji tagħhom. Madankollu, fuq medda twila ta' żmien, l-impatt tal-politika jiżdied, minħabba li ladarba l-programmi jkunu spiċċaw, dawn ma jibqgħux jiġġeneraw spejjeż iżda xorta jipproduċu benefiċċji sinifikanti. Eventwalment, l-impatt tal-PDG isir pożittiv fir-reġjuni kollha. Ir-riżultat li r-reġjuni kollha tal-UE jispiċċaw jibbenefikaw mill-politika huwa parzjalment dovut għall-effetti konsegwenzjali spazjali qawwijin li tiġġenera, li permezz tagħhom il-programmi implimentati f'reġjun partikolari jkunu ta' benefiċċju wkoll għal reġjuni oħra, b'mod partikolari dawk li jkollhom rabtiet kummerċjali b'saħħithom mal-benefiċjarji ewlenin.

L-analiżi turi li l-politika kkontribwiet b'mod sinifikanti għat-tnaqqis jew il-limitazzjoni taż-żieda tad-diverġenzi reġjonali, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fi ħdan l-Istati Membri.

8 The RHOMOLO impact assessment of the 2014–2020 cohesion policy in the EU regions; Francesca Crucitti, Nicholas-Joseph Lazarou, Philippe Monfort, Simone Salotti; Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana tal-Kummissjoni Ewropea. Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea; Dokument ta' Ħidma 4/2022, l-ewwel edizzjoni.

L-immudellar makroekonomiku miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (il-mudell RHOMOLO) fuq il-FSE wkoll għandu impatti pożittivi fuq l-ekonomija kollha kemm hi, minbarra r-riżultati diretti għall-parteċipanti fl-operazzjonijiet tal-FSE[9]. L-investiment fl-impjiegi u l-mobbiltà sal-2018 issarraf fil-ħolqien ta’ 47 000 impjieg fuq medda twila ta' żmien u żieda fil-PDG ta’ 0.06 % meta mqabbel mal-linja bażi (2014). Dan kien minħabba l-impatti makroekonomiċi finali ġġenerati mill-investimenti fil-kapital uman u t-titjib fuq il-produttività tax-xogħol, kif ukoll il-bidliet strutturali involuti. L-appoġġ tal-FSE għall-inklużjoni soċjali huwa mistenni li jżid il-PDG tal-UE b’ 0.037 % (li jammonta għal EUR 4 biljun) sal-2023 u joħloq 127 000 impjieg addizzjonali, filwaqt li l-operazzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma mistennija li jżidu 0.16 % mal-PDG (EUR 18-il biljun) sal-2023 meta mqabbel mal-linja bażi u joħolqu madwar 170 000 impjieg addizzjonali. Iż-żidiet kollha huma mistennija li jseħħu fuq medda twila ta' żmien (sal-2033), peress li l-PDG u l-impjiegi huma mistennija li jibqgħu ogħla meta mqabbla mal-linja bażi.

Fuq medda twila ta’ żmien, l-investimenti tal-politika jipproduċu redditi pożittivi sinifikanti, bil-multiplikatur tal-PDG ta’ 25 sena jkun ta’ 2.7 jew ekwivalenti għal rata ta’ redditu annwali ta’ madwar 4 %.

Ir-riżultati ewlenin għall-politika ta' koeżjoni:

- 5.4 miljun persuna sabu impjieg bis-saħħa tal-appoġġ tal-FSE u tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI);
- inħolqu 236 500 impjieg ġdid bl-appoġġ mill-FEŻR;
- 3.6 miljun intrapriża ser jibbenefikaw minn proġetti magħżula għall-appoġġ tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE), li minnhom 3 miljun intrapriża diġà ġew appoġġati;
- ittejbet l-effiċjenza fl-enerġija ta’ aktar minn 359 000 unità domestika;
- 45.5 miljun parteċipant ibbenefikaw mill-proġetti appoġġati mill-FSE u mill-YEI;
- ġew installati jew imtejba 1 544 kilometru ta’ ferroviji bejn l-2014 u tmiem l-2020;

Dan jikkonferma li l-politika ta' koeżjoni tagħti riżultati fil-prattika.

[9] Commission Staff Working document: Evaluation of the 2014-2018 ESF support to employment and labour mobility, social inclusion and education and training (mhux disponibbli bil-Malti); p. 35, {SWD(2021) 11 final} Evalwazzjoni tal-appoġġ tal-FSE għall-inklużjoni soċjali. Niġbdu l-attenzjoni li d-data hija bbażata fuq id-data tal-2014-2018 u għalhekk l-evalwazzjoni ex post tal-FSE 2014-2020 ser tipprovdi data aktar aġġornata meta tiġi ffinalizzata. NB: dawn il-kalkoli saru fl-2019, jiġifieri qabel il-kriżijiet attwali).

Il-politika mhux biss ikkontribwiet għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE iżda wriet ukoll l-adattabbiltà tagħha, b'mod partikolari billi ċaqilqet EUR 23 biljun fi ħdan programmi eżistenti biex jiġu miġġielda l-isfidi li ħolqot il-pandemija, u żiedet EUR 50 biljun ta' flus ġodda permezz ta' REACT-EU sabiex tgħin fil-proċess ta' rkupru tar-reġjuni tal-UE, u b'hekk issejjes iż-żieda fir-reżiljenza tagħhom.

Tul is-snin li għaddew, il-politika ta' koeżjoni evolviet ukoll f'termini tat-tiswir tal-arranġamenti ta' governanza għall-programmi: il-programmazzjoni pluriennali, l-eżerċizzji ta' evalwazzjoni regolari, il-loġika msaħħa ta' intervent akkumpanjata minn titjib orjentat lejn ir-riżultati, flimkien ma' modus operandi aħjar għas-sħubijiet u governanza fuq għadd ta' livelli wasslu għal effettività fl-implimentazzjoni tal-programmi u tal-proġetti. Bl-istess mod, il-qafas għall-politika ta' koeżjoni ġie arrikkit b'rekwiżiti għall-ħolqien ta' kondizzjonijiet xierqa b'rabta mal-bażi strateġika u l-qafas għall-interventi flimkien ma' rabtiet imsaħħa bejn il-politika ta' koeżjoni u l-qafas tas-Semestru Ewropew.

**Prospetti possibbli**

Fir-rigward tax-xejriet futuri, huwa ċar li l-UE qed tħabbat wiċċha ma' għadd ta' sfidi li jirriżultaw minn bidliet demografiċi u teknoloġiċi kif ukoll mit-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika li ser ifiġġu. Dawn x'aktarx iwasslu għal diverġenzi ġodda, li min-naħa tagħhom jistgħu jdgħajfu s-sostenibbiltà u r-robustezza tal-mudell ta' żvilupp tal-UE. Il-politika waħedha ma tistax tiżgura li ebda territorju u ebda persuna ma jitħallew jibqgħu lura, iżda ċertament tista' tikkontribwixxi b'mod qawwi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali inkluż billi tiżgura kunsiderazzjonijiet spazjali u territorjali għall-politiki nazzjonali u settorjali. It-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni għandhom ikunu jistgħu jistrieħu fuq taħlita ta' politika robusta u effettiva ta' politiki u strumenti nazzjonali u tal-UE.

Mistoqsijiet għad-diskussjoni ministerjali:

1. **X'inhuma l-għanijiet u l-prinċipji ewlenin tal-politika, li dwarhom ma għandu jsir ebda kompromess fil-ġejjieni?**

2. **X'inhu l-valur miżjud tal-politika ta' koeżjoni meta mqabbla ma' politiki u strumenti oħrajn tal-UE, u oqfsa nazzjonali? Il-politika għandha tiġi aġġustata fil-konfront ta' politiki u strumenti oħrajn sabiex tkompli ssaħħaħ il-kisba tal-objettivi ewlenin tagħha?**

3. **Liema sfidi mistennija ser tiffaċċa l-politika ta' koeżjoni fil-ġejjieni, u kif tista' tiġi adattata biex tindirizzahom?**